# U tisbaħ missier ...

## Stejjer, riflessjonijiet u osservazzjonijiet

Sergio Grech

merlin

# Il-pastażati tal-papà

L-għaref ibni meta jkun irrabjat għalija u jkun minn taħt għax ikun dabbar xi ċinku mingħandi jmur jitfissed u jipprova jirbaħ l-attenzjoni ta' min jinzerta viċin f'dak il-waqt.

Tista' tkun ommu jew sempliċement xi ħadd li jtih wiċċ. Anki jekk ma jafux. L-importanti iżda li jfissdu u jagħtih l-attenzjoni li hu jħoss li hi xierqa għalih.

Kif tagħtih il-ħabel, jibda proċess biex jikkonvinċi ruħu li hu nadif tazza u t-tort hu kollu ta' missieru u għalhekk hu fid-dmir li jippubblika elenku bid-dnubiet tal-papà.

Basta jiżvoga ma' min jagħtih wiċċ.

U jibda jdoqq id-diska:

"Il-papà pastaż. Il-papà jgħid il-pastażati."

U jkompli jespandi u jferra' l-kuxjenza kontra missieru.

"Lill-mamà ma jgħinhiex. Il-mamà kollox hi tagħmel. Il-papà fuq il-laptop biss. Il-papà bil-mowbajl biss il-ħin kollu ..."

U jkompli l-litanija tal-pastażati ta' missieru.

Tinżillu għasel.

L-importanti li l-papà għandu ħtija u hu le.

Mix and match kontra missieru.

Jinsa għalkollox li f'burdati sbieħ jintelaq fuqi u jgħidli, "Kemm inħobbok pa!"

Bilħaqq, arralek jekk immaġinajt li l-pastażati tiegħi kienu xi azzjoni mill-Kamasutra!

## Karozzi

Kultant inħoss li d-dar saret scrapyard.

Jew car park kbir.

Jew showroom tal-karozzi.

Kull fejn inħares ħlief karozzi ma narax. Ħlief karozzi ma nirfisx. Minn kull tip ta' karozzi għandna.

Tal-ġiri.

Tar-remote control.

Miż-żgħar.

Mill-kbar.

Trakkijiet.

Mixers.

Diggers.

Noħlom bil-karozzi jonqosni.

Is-sabiħa li kollox jimmaġina karozza. Imqar keychain. Arah isuqha u jagħmel il-ħsejjes b'ħalqu. Biex tgħaxxaqha ma nibbastaw qatt nixtru l-karozzi.

Dejjem il-Bambin jipprovdilna x'nixtru.

Indaħħal idejja taħt l-imħadda u nsib xi karozza.

Noħroġ niżra' pjanta u fil-pott insib karozza.

Inpoġġi fuq is-seat tal-karozza u nsib karozza.

Immur inġib xugaman u nsib karozza.

Immur fuq l-iskrivanija tiegħi u nsib esibiti erba' jew ħames karozzi waħda ħdejn l-oħra qisni Id-Dielja Auto Dealer.

Nilbes il-ġlekk jew il-ġakketta u nsib karozza fil-but.

Kull fejn noħorġu ħlief karozzi ma narawx.

Karozzi fuq il-bankini.

Karozzi fl-għelieqi.

Karozzi fuq iz-znieter tal-knejjes.

Kullimkien invażat bil-karozzi ta’ kull tip, kulur u lewn.

## L-arti li teqred kulma għandek

Hemm arti li ż-żgħir xorobha. U ma kellux bżonn min jgħallmu. Anzi nazzarda ngħid li rnexxielu jgħaddi lil kulħadd f'din l-arti.

L-arti li teqred kollox jew inkella l-arti li tistradika kollox.

L-arti li ġġib kollox melħ u terrapien.

U din kapaċi jagħmilha fi ftit ħin.

Tiftaħlu ġugarell u ma jgħaddux ħames minuti li jkollu xi mkien imkisser jew maqlugħ. Imbagħad joħroġha naturali, "Ara x'ġara!"

U jipprova jikkonvinċik li mhux tort tiegħu imma tal-ġugarell.

Jew li kien mixtri difettuż.

Jew miksur.

Jew tal-ħanut tahulna hekk u ma ndunajniex bih. U dejjem sejrin.

Jiġu waqtiet li għax tant narah accident-prone, flok nirrabja kif tixraq l-okkażjoni taħrabli tbissima li żgur ma tkunx postha.

Is-sabiħ, li hu jistenna li kulma jinkiser jissewwa.

Malajr jgħidlek:

"Ngħidu lin-nannu, pa, ħa jsewwih?"

## Il-lunch tal-iskola

Jiena meta kont żgħir u kont immur l-iskola, ħin il-lunch kont nistennieh—u nistqarr li kont nistennieh b'ħerqa kbira. Mhux biex ingawdi waqfa mil-lezzjonijiet imma biex nimla l-ħawsla, li ngħid għalija mhix intrapriża faċli!

Għalija dak kien mument sagru fejn jekk ridt tikkastigani tgħidli llum mhux se tieħu break.

Qatt ma nafni li mort id-dar bil-lunch lura. Għadni niftakar il-ħobż ta' ommi maqtugħ pulit u mimli ġmielu. Kont niġġennen għal-luncheon meat u l-mortadella dak iż-żmien u konna nixtru kull dawra daqs dinja. Magħhom il-ġobon, xi biċċa ħassa u tadam imqatta' żgħir. Ma kellniex healthy policy dak iż-żmien u mal-ħobż ma kinitx tonqos xi biċċa ċikkulata tajba jew pakkett ħelu.

Ħadd ma kien jaraha stramba din it-tip ta' fatra. Illum l-affarijiet inbidlu radikalment.

Ngħid għalija, kont nippreferi l-ikel milli nilgħab!

Qisu lbieraħ niftakar il-ħobż fil-kartastrazza u kollox impoġġi ġo borża lest biex jiġi attakkat. Ommi kienet tlestili sarvetta wkoll li rarament kont nużaha.

Kien żmien meta anki l-ħobża Maltija kienet itjeb.

Illum jew għax kbirt jew għax sirt ċiniku, kollox sar bla togħma. U kulħadd sar furnar.

Aħna konna nixtru mingħand ta' Pataw, iż-

Żejtun, u ħobża f'ħalqek kienet tinbidel fl-itjeb ewkaristija.

Kien hemm kompetizzjoni bejnu u bejn ta' Mattew fi tfuliti, u niftakar id-daqs kbir tal-ħobża. Maż-żmien dal-valur li naqdu spiċċa u l-lira u l-ewro saru l-allat moderni.

L-għeżież uliedi l-oppost tiegħi.

Dijametrikament imma, opposti.

Ħin il-lunch, ħin il-kastig.

Jien ma jxebbagħni xejn u huma jirrifjutaw kollox. Jista' jkun il-kavjar tal-Kżarina għax xorta jirrifjutawh u jgħidulek le.

Elf difett isibulek biex ma jikluhx. Qisek tajthom il-velenu.

Kieku jkun possibbli jimlew l-istonku tagħhom biss bl-arja u bi ftit ilma. U forsi ftit ħalib.

Kemm ninħaraq meta ninzerta l-quddiesa u l-qassis jaqra mill-Vanġelu, liema missier flok jagħti bajda lil ibnu jagħtih skorpjun?

Tagħmlilhom id-dinja tiżfen u xorta jtuk bis-sieq.

Jaf forsi għadni ma sibtx dik il-formola maġika li biha t-tfal jiġġennu biex jieklu kollox u kif kont nagħmel jien ma jħallux lanqas farka?

Esperimenti għamilt. Nipprova l-ħobż naqtgħu f'forom differenti biex iħajjarhom. Imma dejjem infalli u naqa' għaż-żuffjett magħhom.

F'xi website mhux darba u tnejn ittawwalt għall-

ideat. Nibdew tajjeb imma wara ftit nerġgħu naqgħu koppi.

Jiġu drabi agħar minn oħrajn fejn mhux biss iħallu biċċiet kbar milli lestejtilhom imma lanqas biss jiftħuha l-kaxxa tal-lunch. Il-ħobż jibqa' kif tkun poġġejtu inti fil-kaxxa.

Lanqas biss jindenjaw ruħhom jiftħuh biex jaraw x'inhu u x'forma għandu.

Jien niftakarni għatxan biex nara biex inhu, u kif noħroġ il-borża nibda nxammem qisni kelb bil-ġuħ. Għalina kien ikun parti mill-gost tal-ikel li terfa' naħa tal-ħobż u dik ir-riħa waħidha kienet tkun il-preludju għall-istonku sodisfatt u kuntent.

Ġieli, biex ngħid il-verità kollha, jieklu ta' bejn il-ħobż.

Imma dak ma nafx kif se jżommhom gidma sew mill-ġurnata.

L-agħar xenarju meta jgħidulek agħmilli l-ħobż bħal ta' dak jew ta' dik. Inkella xenata sħiħa għax ta' ħdejhom l-iskola jġib ġobon bil-qoxra ħamra u lilhom qatt ma tixtrilhom xejn. Bħal ħmar tmur għand is-supermarket tixtrilhom minnu jew viċin dak li taħseb li hu, u xorta jġibuhulek lura puntwalment.

U b'xi skuża fil-komma dejjem lesta.

Ġieli rrabjajt u għedt nibgħathom b'xejn imma l-istonku ma jtinix.

Ġieli ħlomt li għad nispiċċa quddiem il-Maġistrat Joe Mifsud u jakkużani b'negliġenza fuq it-tfal!